MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru. 354/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Doreen (Maria Dolores) Bugeja**

**Illum, 30 ta’ April 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Doreen (Maria Dolores) Bugeja ta’ 31 sena, bint Andrew u Petra nee` Cassar, imwielda Pieta` fid-9 ta’ Awwissu 1974, residenti ‘Kane’, number 10, Triq is-Sejjiegh, Swieqi u bin-numru tal-karta tal-identita` 474274(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' April 2005 u fis-sentejn ta' qabel:-

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, f'dawn il-Gzejjer, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghal uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, f'dawn il-Gzejjer, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghal uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta mal-imputata talli kisret il-kundizzjoni ta' sentenza datata 24 ta' Gunju 2002, fejn kienet giet misjuba hatja u moghtija sentenza ta' *probation* ghal sentejn – Kap. 152 (emendat Kap. 446) tal-Ligijiet ta' Malta mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi kollha li kienu migjuba quddiem il-Qorti, diversament presjeduta, sa dakinhar, semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

1. Fl-14 ta' Mejju 2004, inghatat xhieda guramentata minn certu Karl Stivala quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna, a tenur tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fix-xhieda tieghu, Stivala qal illi huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-imputata f'izjed minn okkazzjoni wahda.

2. Fl-10 ta' Marzu 2005, waqt li kien qieghed *off duty*, PC 10 Trevor Cassar Mallia innota lill-imputata taghmel kuntatt ma' certa Daniela Cassar gewwa Hal Qormi, liema Cassar kienet ukoll maghrufa mal-pulizija. Huwa sejjah ghal *backup* u flimkien ma' PS 1086 Johann Micallef u WPS 86 Diane Fenech, huma segwew lill-imputata sa Triq Testaferrata, il-Gzira, fejn giet imwaqqfa minnhom. Saret tfittxija fil-vettura, Mitsubishi Lancer hamra, li kienet qeghda ssuq l-imputata fejn ma nstab xejn, izda minn fuq il-persuna taghha, u wara li l-imputata ssieltet mal-pulizija, giet elevata borza b'sustanza kannella mill-pussess taghha. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputata, gewwa Swieqi, izda ma nstab xejn relatat ma' sustanzi lleciti.[1]

3. L-imputata rrilaxxjat stqarrija fil-11 ta' Marzu 2005, wara li nghatat d-debita twissija skond il-ligi, li kellha d-dritt li tibqa' siekta, izda dak kollu li jinghad seta' jingieb bhala prova kontra taghha. Hija ammettiet li ghandha l-vizzju tad-droga eroina, u li kienet ilha b'dan il-vizzju ghal diversi snin. Ammettiet ukoll illi s-sustanza li nstabet fil-

[1] Xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 14 u 15 tal-process; xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar, a fol. 26 u 27 tal-process; xhieda ta' WPS 86 Diane Fenech, a fol. 32 u 33 tal-process; Xhieda ta' l-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 37 sa 39 tal-process.

pussess taghha l-gurnata ta’ qabel kienet droga eroina, li kienet ghadha kif xtrat din id-droga u illi l-kwantita` ta’ droga li nstabet fil-pussess taghha kienet ta’ madwar hames grammi. L-istess imputata qalet illi din id-droga kienet ghall-uzu personali taghha u tal-*partner* taghha. Meta mistoqsija jekk kinitx tbiegh droga lil terzi, l-imputata ma wegbitx.[2]

4. Mir-rapport ipprezentat mill-ispizjar Mario Mifsud fis-seduta tal-20 ta’ April 2009, jirrizulta illi t-trab ta’ lewn kannella - elevat minn fuq il-persuna tal-imputata – u b’ammont net totali ta’ 4.335 grammi, instabet fih is-sustanza herojina u li l-purita` tat-trab ghal din is-sustanza kienet ta’ cirka 37.3%.[3]

5. Fl-24 ta’ April 2005, inghatat xhieda guramentata minn certu Shone Agius quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera, a tenur tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fix-xhieda tieghu, Agius qal illi huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-imputata f’izjed minn okkazzjoni wahda.

In vista tas-suespost, l-ezercizzju li ghandha twettaq din il-Qorti huwa illi tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta’ kull imputazzjoni.

*a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina fit-22 ta’ April 2005 u fis-sentejn ta’ qabel:*

[2] Stqarrija tal-imputata, a fol. 2 tal-process.
[3] Dok. MM, a fol. 43 tal-process.

Fis-seduta mizmuma fid-9 ta' Marzu 2007, gew esebiti zewg processi verbali – wiehed dwar stqarrija guramentata ta' Shone Agius moghtija minnu fl-24 ta' April 2005[4] u iehor dwar stqarrija guramentata ta' Karl Stivala moghtija minnu fl-14 ta' Mejju 2004[5].

Jirrizulta mill-ewwel process verbal imsemmi, illi nhar l-24 ta' April 2005, il-Magistrat Inkwerenti Dr. Consuelo Scerri Herrera, giet infurmata permezz ta' rapport verbali maghmul mill-Ispettur Pierre Grech, liema rapport gie sussegwentement ikkonfermat b'rapport miktub datat 28 ta' April 2005, illi fit-22 ta' April 2005, il-pulizija kienet qeghda tinvestiga lil Shone Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 123673(M)) dwar traffikar u pussess ta' droga eroina. Dakinhar stess, l-imsemmi Shone Agius irrilaxxja stqarrija[6] li huwa ghazel li jikkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti msemmija nhar l-24 ta' April 2005[7].

Fl-istqarrija tieghu tat-22 ta' April 2005, irrilaxxjata minnu fit-2.33p.m., Shone Agius qal illi huwa jabbuza mid-droga eroina u li l-eroina li kienet instabet dakinhar mill-pulizija fil-pussess tieghu, kien xtraha "*bejn il-5.30pm jew is-6.00pm*". Huwa qal hekk:-

"mort f'Testaferrata Street l-Msida, ftit l'isfel ma' l-istess naha tal-banka tal-lottu, jiena mort infittex lil Doreen jghidulha c-Ciniza ghax naf li din tbiegh l-eroina. Jiena staqsejt lil Doreen jekk ghandiex eroina, u hi staqsietni x'ghandi flus. Jien ghidtilha li ghandi Lm20 u hi qaltli biex immur u wara 10 minuti nerga' lura. Wara 10 minuti jiena hekk ghamilt, tajt l-Lm20 lil Doreen u <u>hi tatni il-pakkett tal-karti li tajt jiena lil pulizija illum. Dan il-pakkett kien fih l-eroina</u> u kien imdawwar go bicca plastic tal-kcina meta taghtuli Doreen. Meta kont sejjer biex nigbor il-pakkett minghand Doreen, jiena nnutajt li Doreen kienet hdejn karozza Mitsubishi hamra misjuqa minn wiehed ragel li jiena nafu bhala l-gharus taghha li jismu Oliver. Jiena lil

[4] A fol. 10 tal-process.
[5] A fol. 11 tal-process.
[6] A fol. 8 sa 10 tal-imsemmi *proces verbal.*
[7] A fol. 5 tal-*proces verbal*.

dan qatt ma kellimtu, imma naf li huwa jaqdi lil min ikun irid jixtri l-eroina, ghax gieli rajtu jaqdi kemm il-darba fi Triq Ponsomby l-Gzira hdejn il-hanut ta' Tanti Palmier … Oliver dejjem ikun bil-karozza l-Mitsubishi l-hamra li semmejt u xi kultant tkun bl-istess karozza Doreen. Meta jkunu qed juzaw il-karozza biex ibieghu d-droga, dejjem wehidhom ikunu, jigifieri jew ikun wahdu hu jew inkella tkun wehidha hi ssuq il-karozza. Qatt ma jkollhom lil hadd maghhom u rari jkunu t-tnejn flimkien.

D: … U minghand Doreen ic-Ciniza kemm il-darba xtrajt eroina?

R: … Minghand Doreen jiena xtrajt xi tlieta jew erba' darbiet matul dawn l-ahhar hmistax-il gurnata."[8] [sottolinear mizjud]

Shone Agius stqarr ukoll illi huwa dejjem inqeda bl-istess mod sabiex jixtri d-droga minghand l-imputata, izda kien jixtri skond il-flus li kien ikollu. Huwa qal li ma kienx jaf kemm kienet ilha tbiegh id-droga eroina, izda zgur li kienet ilha tbiegh din id-droga ghal izjed minn sena.[9]

Kif inghad, Shone Agius ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-24 ta' April 2005 u zied li huwa kien jixtri d-droga biss minghand l-imputata. Zied ukoll illi fil-gurnata ta' qabel, huwa kien ra persuni ohrajn, ossia lil certu Lorita Pace u Raquela maghrufa 'rapinetta', jixtru minghand l-imputata, hdejn il-hanut ta' Tanti Palmier, il-Gzira.[10]

L-istess Shone Agius xehed ukoll f'dawn il-proceduri fis-seduta tal-20 ta' April 2009[11]. Huwa kkonferma li kien xtara d-droga eroina li nstabet fil-pussess tieghu nhar it-22 ta' April 2005 "*minghand wahda Doreen minn Testaferrata l-Gzira*"[12], li l-istess xhud gharaf bhala l-imputata. Agius

[8] A fol. 8 u 9 tal-*proces verbal.*
[9] A fol. 9 tal-*proces verbal.*
[10] A fol. 5 tal-*proces verbal.*
[11] A fol. 44 sa 49 tal-process.
[12] A fol. 45 tal-process.

rega' kkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija fit-22 ta' April 2005.[13]

Mit-tieni *proces verbal*, jirrizulta illi permezz ta' rapport verbali nhar l-14 ta' Mejju 2004, il-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna, gie infurmat illi dakinhar certu Karl Stivala kien iddahhal l-isptar, aktarx minhabba *overdose* ta' droga, u li l-istess Stivala kien dispost li jirrilaxxja stqarrija guramentata, wara li kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija izjed kmieni ossia fl-4.35pm tal-14 ta' Mejju 2004. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[14], Karl Stivala qal hekk[15]:

"D: Ghalik x'inhi smack u minn fejn xtrajt id-droga?

R: Eroina, <u>jiena xtrajt l-ismack minghand Doreen</u>

…

D: Taf il-post li mort biex tixtri d-droga?

R: Testaferrata il-Gzira ghandha il-bieb kannella …

D: Kemm il-darba xtrajt minghand din Doreen?

R: Xi erba' darbiet dan l-ahhar sitt xhur

…

D: Kemm thallas ta' kull pakkett u kif ikun il-pakkett?

R: Inhallas bejn Lm8 jew Lm10 … u dan ikun go pakkett tal-karti zghir hafna dak li jiena naf li isejhulu qratas."

L-istess Karl Stivala ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess jum fit-7.40 p.m.  Huwa gie muri wkoll sett ta' seba' ritratti[16], li

---

[13] A fol. 48 tal-process.
[14] A fol. 6 tal-*proces verbal* li jinsab a fol. 11 tal-process.
[15] A fol. 6 tal-*proces verbal.*
[16] Immarkati bhala Dok. MB2, a fol. 5 tal-*proces verbal.*

juru seba' nisa maghzulin *at random*[17], u gharaf lill-istess 'Doreen' li semma' fl-istqarrija tieghu bhala dik fir-ritratt numru sitta. Stivala stqarr ukoll illi ghalkemm ma kienx jaf x'kunjomha 'Doreen', jghidula 'ciniza'.[18] L-istess Doreen li tidher fir-ritratt indikat mix-xhud hija fil-fatt l-imputata.

Karl Stivala xehed quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2007. Fl-istess seduta, ix-xhud gharaf lill-imputata bhala l-persuna li minghandha kien xtara l-eroina, b'konsegwenza ta' liema huwa kien sofra *overdose.*[19] Huwa kkonferma li kien xtara d-droga minghand l-imputata f'izjed minn okkazzjoni wahda[20]. L-istess Stivala xehed ukoll illi huwa kien jixtri ammonti minimi ta' eroina minghand l-imputata ossia pakketti ta' Lm10.[21] L-istqarrija rilaxxjata mix-xhud lill-pulizija, fl-14 ta' Mejju 2004, giet moqrija lilu mill-Qorti u huwa kkonferma l-kontenut ta' tali stqarrija u gharaf ukoll il-firma tieghu fuqha.[22]

In oltre, fl-istqarrija rilaxxjata minnha fil-11 ta' Marzu 2005[23], l-imputata qalet illi l-partner taghha, Oliver Vella, u hi kienu jiehdu madwar zewg grammi u nofs eroina kuljum. Qalet ukoll illi ghalkemm mhux dejjem kien ikun il-kaz, <u>generalment kienet hi li kienet tixtri d-droga sabiex imbaghad taqsamha ma' Oliver Vella</u>.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi (u hekk ukoll kien jiddisponi fiz-zmien li sehhew ir-reati in kwistjoni) illi "*Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjoni grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-*

---

[17] Xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo fl-14 ta' Mejju 2005 quddiem l-istess Magistrat Inkwirenti, a fol. 7 tal-*proces verbal*.
[18] A fol. 8 tal-*proces verbal.*
[19] A fol. 17 tal-process.
[20] A fol. 18 tal-process.
[21] A fol. 19 tal-process.
[22] A fol. 21 u 22 tal-process.
[23] A fol. 2 tal-process.

*amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wiehed joffri li jaghmel xii wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano, fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, inghad illi "*Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm it-traffikar skond il-ligi*".

Ghalhekk fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Shone Agius u Karl Stivala, kif ukoll a bazi ta' dak li ntqal mill-istess imputata fl-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-pulizija, il-Qorti hija sodisfatta illi l-prosekuzzjoni ippruvat l-imputazzjoni (a) kontra l-imputata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, b'dan illi din l-imputazzjoni fil-fatt tissussisti mhux fir-rigward tal-jum tat-22 ta' April 2005, izda fis-sentejn ta' qabel.

Dan qed jinghad ghaliex l-istqarrija ta' Shone Agius ittiehdet fit-22 ta' April 2005, fit-2.33 ta' wara nofsinhar, mentri fil-fatt huwa fl-istess stqarrija qal li kien xtara l-eroina minghand l-imputata bejn il-5.30 p.m. jew is-6.00 p.m. Dan ifisser illi l-istess Agius ma kienx xtara d-droga dakinhar tat-22 ta' April 2005 ossia dakinhar li rrilaxxja l-istqarrija, izda fil-jum ta' qabel. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi meta huwa kkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa rrefera ghal gurnata ta' qabel u qal li "*Lorita Pace wkoll kienet ma' Raquela u 'rapinetta' <u>l-bierah</u> jixtru minghand Doreen*" – il-21 ta' April 2005 kien ghalhekk il-jum li fih Agius xtara d-droga eroina minghand l-imputata.

*b) Fl-istess perjodu ta' zmien, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha*

Illi kif inghad izjed il'fuq, fl-10 ta' Marzu 2005, ufficjali tal-pulizija, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PS 1086 Johann Micallef u WPS 86 Diane Fenech segwew lill-imputata minn Hal-Qormi sa Triq Testaferrata, Gzira u wara li waqqfuha, sabu fuq il-persuna taghha, borza bi trab kannella ossia droga eroina. Irrizulta waqt dawn il-proceduri u dan mir-rapport tal-ispizjar Mario Mifsud,ipprezentat minnu fis-seduta tal-20 ta' April 2009, illi t-trab ta' lewn kannella elevat minn fuq il-persuna tal-imputata, b'ammont net total ta' 4.335 grammi, instabet fih is-sustanza eroina u li l-purita` tat-trab ghal din is-sustanza kienet ta' cirka 37.3%.[24]

Jibda biex jinghad illi l-Qorti osservat illi fil-waqt li PC 10 Trevor Cassar Mallia u l-Ispettur Dennis Theuma ndikaw, fix-xhieda taghhom[25], id-data ta' dan l-episodju bhala l-10 ta' Marzu 2005, PS 1086 Johann Micallef xehed illi dan sehh fit-22 ta' April 2005[26], fil-waqt illi WPS 86 Diane Fenech indikat id-data bhala l-10 ta' Mejju 2005[27]. Jirrizulta madankollu, anke minn dak li wiegbet l-imputata stess fl-istqarrija rilaxxjata minnha fil-11 ta' Marzu 2005, illi l-imputata nstabet fil-pussess tas-sustanza illecita ossia droga eroina fl-10 ta' Marzu 2005, jigifieri fil-jum ta' qabel. F'din l-istqarrija fil-fatt inghad hekk:-

"M: Il-bierah il-pulizija sabu mohbi pakkett b'xi trab kannella gol-hwejjeg tieghek dan veru?

T: Iva".[28]

Fl-istess stqarrija rilaxxjata minnha, l-imputata qalet li hija kellha l-vizzju tad-droga, li hija kienet tiehu d-droga eroina u li kienet ilha b'dan il-vizzju ghal diversi snin. Ammettiet li t-trab li kien instab fil-pussess taghha fil-jum ta' qabel, kien fil-fatt droga eroina u li gol-pakkett li nstab fuqha, kien hemm madwar hames grammi. L-imputata qalet illi hija

---

[24] Dok. MM, a fol. 43 tal-process.
[25] A fol. 26 u 37 rispettivament.
[26] A fol. 14 tal-process.
[27] A fol. 32 tal-process.
[28] Stqarrija tal-imputata, a fol. 2 tal-process.

kienet dejjem tixtri dak l-ammont ta’ hames grammi u illi kienet thallas Lm25 ghal kull gramma eroina. L-imputata qalet ukoll illi l-partner taghha, Oliver Vella, u hi kienu jiehdu madwar zewg grammi u nofs eroina kuljum. Hija qalet illi d-droga li nstabet fuqha fil-jum ta’ qabel kienet intiza ghall-uzu personali taghha u tal-partner taghha. Ghalkemm mhux dejjem kien ikun il-kaz, generalment kienet hi li kienet tixtri d-droga sabiex imbaghad taqsamha ma’ Oliver Vella.

Meta gie suggerit lill-imputata illi parti mid-droga eroina li nstabet fuqha, kienet fil-fatt intiza sabiex tinbiegh lil terzi sabiex hija tkun tista’ ssostni l-vizzju taghha, l-imputata ma wegbitx, kif wara kollox kellha kull dritt li taghmel.

L-imputata stqarret ukoll illi kemm hi, kif ukoll il-partner taghha, Oliver, la kienu jahdmu u lanqas jirregistraw u illi kienu jhallsu wkoll kirja fir-rigward tal-fond fejn kienu jirrisjedu.

A bazi ta’ dak li stqarret l-imputata fl-istqarrija taghha, fis-sens illi hija kienet tixtri gramma eroina bil-prezz ta’ Lm25 u illi Oliver Vella u hi kienu jikkunsmaw zewg grammi u nofs eroina kuljum, dan ifisser illi l-imputata u l-partner taghha, bejniethom, kienu jonfqu Lm62.50 kuljum fi droga eroina, ossia Lm437.50 fil-gimgha jew Lm1,875 fix-xahar. Din hija somma ferm sostanzjali u ghalhekk gialadarba la hi u lanqas Oliver Vella ma kellhom impjieg u lanqas ma kienu jirregistraw, mhuwiex verosimili u kredibbli illi l-imputata kienet iddahhal dawn il-flus kollha, inkluz ukoll flus sabiex thallas il-kirja tar-residenza taghha u tal-partner taghha, “*ghax jiena mara w kapaci ngibhom*”, kif sostniet fl-istqarrija taghha, minghajr ma tbiegh id-droga eroina hija stess sabiex tmantni l-vizzju taghha. Fic-cirkostanzi, l-uniku mod li l-imputata setghet fil-fatt tiffinanzja Lm1,875 fix-xahar jew anke nofshom ghas-sahha tal-argument, ghaliex din ic-cifra kienet isservi sabiex jinqdew kemm hi, kif ukoll Oliver Vella, kienet billi tbiegh l-eroina lil terzi persuni.

In oltre, kif inghad izjed il’fuq, mix-xhieda moghtija kemm minn Karl Stivala, kif ukoll minn Shone Agius, jirrizulta fil-

fatt illi l-imputata kienet tbiegh l-eroina lil terzi persuni u dan, skond ix-xhieda ta’ Stivala, kienet ilha taghmlu tal-inqas mis-sena 2003.

Ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti hija sodisfatta illi l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, l-imputazzjoni (b) ossia illi fis-sentejn ta’ qabel it-22 ta’ April 2005, hija kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha. Ghall-istess ragunijiet moghtija fir-rigward tal-imputazzjoni (a), din l-imputazzjoni ma gietx pruvata fir-rigward tad-data tat-22 ta’ April 2005.

*c) Fl-istess perjodu ta’ zmien, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina*

Illi fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni ta’ pussess semplici, fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li hija kienet tabbuza mid-droga eroina u li fil-fatt kienet ilha tabbuza minnha ghal diversi snin. Biss biss, hija tghid illi kienet ghamlet zewg programmi ta’ riabilitazzjoni li ma rnexxewx – l-ahhar wiehed kienet ghamlitu tlitt snin qabel l-istqarrija rilaxxjata minnha u cioe` fis-sena 2002.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi anke din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi, u dan ghall-perjodu tas-sentejn ta’ qabel it-22 ta’ April 2005.

*d) Ksur ta’ kundizzjoni ta’ sentenza datata 24 ta’ Gunju 2002, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D., permezz ta’ liema sentenza l-imputata inghatat ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ sentejn*

F’dan ir-rigward, ghalkemm mil-fedina penali aggornata tal-imputata[29] jidher illi hija giet misjuba hatja talli fit-23 ta’ Marzu 1999 u matul il-gimghatejn ta’ qabel din id-data,

[29] A fol. 91 tal-process.

kellha fil-pussess taghha d-droga eroina u d-droga kokaina u giet imqieghda taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn, din is-sentenza ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni. F'sede kriminali, wiehed ma jista' jassumi l-ebda prova u ai termini tal-Artikolu 638(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti …*". F'dan il-kaz, sabiex issir din l-ahjar prova, kien mehtieg li tigi esebita l-imsemmija sentenza.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax titratta mal-imputata kif mitlub mill-prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi ossia lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni illi z-zewg imputazzjonijiet (b) u (c) huma assorbiti fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li dawn servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina raffrettarja tal-imputata li tikkonsisti fi tlieta u ghoxrin faccata. Mill-fedina penali aggornata taghha, jirrizulta illi bejn is-sena 1993 u s-sena 2012, l-imputata kellha biss biss tlettax-il kundanna dwar reati li jinvolvu d-droga, li ghalkemm fil-maggoranza taghhom huma kundanni dwar pussess semplici ta' droga eroina, jinkludu wkoll tnejn dwar pussess aggravat u traffikar ta' droga eroina rispettivament. Dwar dawn l-ahhar zewg reati, l-imputata giet ikkundannati ghal ghaxar xhur prigunerija effettiva u multa ta' mitjen liri Maltin u erba' snin prigunerija effettiva rispettivament. Giet ikkundannata ghal diversi sentenzi ohrajn ta' prigunerija effettiva u nghatat erba' darbiet Ordni ta' *Probation* dwar reati ta' pussess semplici ta' droga. Il-kundanni l-ohrajn jinkludu sbatax-il kundanna

ohra dwar tlajjar f'postijiet pubblici jew postijiet esposti ghall-pubbliku ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, apparti kundanni ohrajn. Fiz-zmien li sehhew ir-reati in kwistjoni, jidher illi l-imputata kienet diga` ilha li qabdet it-triq tal-kriminalita` u minkejja li kienet inghatat diversi opportunitajiet li tirriforma ruhha, xorta wahda baqghet ghaddejja bil-kummissjoni ta' varji reati.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputata kienet ilha tittraffika d-droga eroina tal-inqas minn Dicembru 2003[30]. Irrizulta li bieghet d-droga eroina lil Karl Stivala f'xi erba' okkazzjonijiet differenti fuq perjodu ta' sitt xhur (qabel l-14 ta' Mejju 2004) u lil Shone Agius f'xi tlitt jew erba' okkazzjonijiet differenti fuq perjodu ta' hmistax-il jum (qabel it-22 ta' April 2005), apparti li kienet tipprokura d-droga eroina wkoll lil partner taghha, Oliver Vella, kif ammettiet hi stess fl-istqarrija rilaxxjata minnha, liema Vella u l-imputata stess – skond l-istess imputata – kienu jiehdu madwar 2 grammi u nofs droga eroina kuljum. Dan apparti illi l-istess Shone Agius xehed illi huwa kien jaf li l-imputata kienet ilha tbiegh id-droga eroina ghal izjed minn sena u kien hemm okkazzjoni li fiha ra lill-imputata tbiegh id-droga lil persuni ohrajn. Mhux biss izda, fl-10 ta' Marzu 2005, fil-pussess tal-imputata nstabet id-droga eroina b'piz nett totali ta' 4.335 grammi u b'purita` ta' cirka 37.3%. Ghalkemm dan l-ammont mhuwiex xi wiehed sostanzjali, madankollu lanqas jista' jinghad li huwa wiehed negligenti. Jekk wiehed jikkunsidra illi normalment qartas ikun fih 0.1 grammi jew 0.2 grammi, dan ifisser illi l-imputata setghet tohrog minn cirka 22 qartas sa 43 qartas.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Vicky Scicluna[31] u x-xhieda ta' Brian Camilleri moghtija f'zewg seduti[32]. Fis-27 ta' Gunju 2011, Vicky Scicluna xehdet illi l-imputata kienet dahlet fil-programm ta' Santa Maria fis-sena 2010, fejn ghamlet ghaxar xhur, izda telqet minn jeddha ghar-ragunijiet taghha u regghet marret il-habs.

---

[30] Stqarrija guramentata ta' Karl Stivala, a fol. 6 tal-*proces verbal* li jinsab a fol. 11 tal-process.

[31] A fol. 58 sa 60 tal-process.

[32] A fol. 79 sa 86 tal-process u a fol. 88 sa 90.

Fiz-zmien li l-istess Vicky Scicluna tat ix-xhieda taghha, l-imputata kienet regghet uriet ix-xewqa li terga' tidhol ghall-programm, izda f'dak iz-zmien ma setghetx tigi kkunsidrata ghaliex ma kinux qed jittiehdu nies mill-habs minhabba xi tibdil fl-istrutturi tal-Agenzija Sedqa. Vicky Scicluna xehdet li kienet rat progress kbir fl-imputata.

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, Brian Camilleri xehed illi sa mis-sena 2011, l-imputata, li dak iz-zmien kienet qeghda l-habs, kienet talbet biex tidhol fil-Komunita` ta' Santa Maria, izda kienet ghamlet zmien tistenna sakemm giet accettatha. F'Marzu jew April 2012, l-imputata saret taf li kienet tqila u apparti li bdiet kuntatti regolari mal-Agenzija Sedqa, regghet talbet sabiex tidhol fil-programm biex ma taghmilx hsara lit-tarbija taghha. Fil-fatt l-imputata dahlet fil-programm f'Lulju 2012. Skond l-istess xhud, f'dan iz-zmien l-imputata kellha attitudni tajba hafna u deher kambjament kbir fiha anke fil-mod li bdiet titkellem fis-sens li xtaqet tirrijabilita ruhha mill-vizzju taghha bis-serjeta`. Wara xi tlitt gimghat, madankollu, l-imputata kellha terga' tidhol il-habs, ghaliex ma kellhiex flus biex thallas multa u ghalhekk din giet ikkonvertita fi prigunerija. Hekk kif l-imputata hallset il-bilanc rimanenti mill-istess multa, hija regghet talbet lir-rapprezentanti tal-Agenzija sabiex tidhol fil-programm u fil-fatt ittiehdet ghall-programm direttament mill-habs. Dan sehh f'Settembru 2012. Saru diversi pjanijiet sabiex l-imputata tkun tista' zzomm maghha fil-programm, lit-tarbija li kellha twelled, u nghatat anke preparazzjoni dwar *parental skills* u *parent craft.* L-istess xhud xehed ukoll dwar il-pjanijiet li kienu qeghdin isiru mal-imputata la darba hija twelled it-tarbija taghha f'Dicembru 2012.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, rega' xehed Brian Camilleri[33] li mill-ahhar seduta, l-imputata kellha tarbija li kienet qeghda tghix flimkien maghha gewwa l-Komunita` Santa Maria u li kienu nvoluti diversi professjonisti li lkoll kienu qed jaghtu l-ghajnuna necessarja lill-imputata. Xehed ukoll illi l-pjan originali kien li l-imputata tibqa' fil-

[33] A fol. 88 sa 90 tal-process.

programm sa Mejju 2013, izda jista' jkun li dan iz-zmien jigi estiz.

Illi fil-waqt li minn din ix-xhieda u anke minn dak li semghet fit-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-progress kbir li ghamlet l-imputata, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar ir-riabilitazzjoni tal-imputata mill-vizzju tad-droga, din il-Qorti trid tikkunsidra s-serjeta` tar-reati li gew addebitati lilha u li fil-fatt gew ippruvati fil-konfront taghha.

Il-fatt li l-imputata kellha problema qawwija ta' droga ma jistax iservi bhala attenwant ghal piena.  Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar 1997, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Shone Stone** (Appell Nru. 196/1996) "*il-fatt li persuna tkun "drug addict" ma jintitolahiex li taghmel affarijiet li jistghu jkunu ta' detriment ghal haddiehor*" biex tissodisfa l-htigijiet taghha.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2009, gie ritenut illi "*…(H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero` f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`*".

In oltre l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Mifsud** (Appell Nru. 218/2002), fil-waqt li ghamlet referenza ghal zewg brani mehuda mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, ossia s-segwenti:-

"*Illi lanqas biss hemm bzonn illi jinghad minn din il-Qorti illi l-problema tad-droga infirxet ferm f'pajjizna, fniet u qerdet il-hajja ta' diversi persuni u tal-familjari taghhom u waslet necessarjament ghal zieda fil-kriminalita` fis-socjeta` taghna.*

*Illi necessarjament irid jinghata messagg car mill-Qrati taghna li min jinstab hati ta' traffikar ta' droga irid jigi punit serjament u dana kemm sabiex il-piena sservi ta' deterrent, kif ukoll sabiex isir gustizzja mas-socjeta`*"

irriteniet hekk:-

"*Din il-Qorti taghmilha cara li taqbel perfettament u bla rizervi ma' dawn iz-zewg brani ta' l-ewwel qorti. Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali, tieghu; pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali …*". [sottolinear mizjud]

A bazi tas-sentenza citata, il-Qorti ser tnaqqas iz-zmien ta' disa' xhur mill-piena karcerarja li ser tigi inflitta, u dan in vista tal-fatt illi l-imputata ilha fil-programm minn Lulju 2012.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) kif dedotti fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal piena ta' **tlett snin u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rata mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.

Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex il-hatja tinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex tkompli bir-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JM fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2007, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------